MALTA

# COURT OF MAGISTRATES (MALTA)

# AS A COURT OF CRIMINAL JUDICATURE

## MAGISTRATE DR.

## JOSETTE DEMICOLI

Sitting of the 17 th November, 2014

Number. 1161/2013

**Il-Pulizija**

**(Spettur Robert Said Sarreo)**

**Vs**

**Jummah Mussah Othman**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Seduta tat-Tnejn 17 ta' Novembru, 2014**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra Jummah Mussah Othman ta' 38 sena, imwieled is-Sudan nhar it-13 ta' Ottubru 1975, residenti gewwa 'The Atrium' Flat 3, Triq Achille Ferris, Msida u detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 37993A:

1. Billi huwa akkuzat talli nhar l-14 ta' Mejju, 2013, ghal habta ta' 10:15am gewwa Triq Wied il-Ghajn, Zabbar, waqt li kien qed jaghmel uzu minn vettura tal-marka Isuzu bin-numru ta' registrazzjoni HAL-216, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, kien involut f'kolluzjoni ma' vettura bin-numru EAW-202 tal-marka Korando u involontarjament ikkaguna griehi ta' natura gravi per durata lil John Quintano u/jew xi persuni ohra, hekk kif iccertifikat minn Mr. Thomas Azzopardi ta' l-Isptar Mater Dei.

2. U aktar talli fl-istess data, lok, u cirkostanzi, waqt li kien qed jaghmel uzu minn vettura tal-marka Isuzu bin-numru ta' registrazzjoni HAL-216, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, kien involut f'kolluzjoni ma' vettura bin-numru EAW-202 tal-marka Korando u involontarjament ikkawza hsara fuq din l-istess vettura, liema hsara hija ta' aktar minn 1,164.69 Euro, ghad-detriment ta' John Quintano u/jew xi persuni ohra.

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, waqt li kien qieghed isuq vettura bin-numru HAL-216 ta' l-ghamla Isuzu, saq l-imsemmija vettura, b'manjiera traskurata u negligenti.

4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, waqt li kien qieghed isuq vettura bin-numru HAL-216 ta' l-ghamla Isuzu, naqas li jiehu l-prekawzjonijiet necessarji meta kien hiereg minn triq sekondarja ghal triq principali u barra minn hekk naqas li jieqaf fejn kien hemm sinjali li jindika 'Stop'.

Il-Qorti hija mitluba sabiex f'kaz ta' htija, minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita skond il-ligi, joghgobha tordna l-iskwalifika ta' kull licenzja tas-sewqan ta' Jummah Mussah Othman ghal dak il-perjodu taz-zmien li din il-Qorti jidhrilha xieraq.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bil-procedura sommarja u li l-imputat m'ghandux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Semghet ix-xhieda.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi dan il-kaz huwa dwar incident tat-traffiku li sehh fl-14 ta' Mejju 2013 fi Triq Wied il-Ghajn, Haz-Zabbar ghall-habta ta' l-10.15a.m. Il-parte leza

John Quintano kien qieghed isuq fi Triq Wied il-Ghajn, Haz-Zabbar il-vettura tieghu ta' ghamla Korando ta' lewn iswed bin-numru ta' Registrazzjoni EAW 202 kien gej mid-direzzjoni ta' Wied il-Ghajn sejjer lejn id-direzzjoni ta' Haz-Zabbar. L-imputat kien qieghed isuq vann Isuzu, Registrazzjoni numru HAL 216 li kien qieghed isuq mit-Triq ic-Cimiterju, Haz-Zabbar u kien se jikser fi Triq Wied il-Ghajn biex imur fid-direzzjoni ta' Haz-Zabbar. John Quintano sofra griehi f'dan l-incident u l-vetturi garrbu hsarat.

Hekk kif gie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Carlos Cordina) vs Raymond Abdilla**[1] li dwar ir-responsabbilta' ta' l-imputat fis-sewqan tieghu, il-Highway Code jiddisponi fir-regolamenti 212 u 213:

***212. "Jekk ma jkunx muri xort'ohra, it-traffiku fit-triq principali ghandu d-dritta fuq it-traffiku li jkun qed jaqsam, li jkun diehel, jew li jkun se jhalli t-triq principali."***

***213. "F'salib it-toroq jew ghaqda ta' triq prinċipali ma' triq sekondarja, it-traffiku fit-triq sekondarja ghandu jaghti d-dritta lit-traffiku li jkun għaddej fi, jew li jkun hiereg minn, it-triq principali."***

*Dana ifisser illi minor road user irid josserva tlett regolamenti importanti u cioe':*

1. *li jersaq b'attenzjoni kbira lejn l-inkrocju bil-hsieb li jaccerta ruhu li bil-fatt biss li jkun ser jirfes fuq it-triq principali ma jkunx sejjer ifixkel it-traffiku fuq dik it-triq.*
2. *li jaccerta ruhu li ma ikunx hemm traffiku fuqha. Jew almenu, jekk ikun hemm traffiku, ikun tant 'il boghod li l-hrug tieghu fuqha ma jkun bl-ebda mod se jfixkel lil dak it-traffiku*

[1] Deciza fil-5 ta' Frar 2014

3. *li ccaqlaq ghal fuq il-karreggjata principali bil-mod il-mod inching out u jekk mehtieg, jieqaf ghal kollox biex jesplora dik it-triq u biex jistenna lit-traffiku ighaddi.*

*Illi s-sinistru stradali mertu ta' dina l-kawza sehh f'salib it-toroq li huwa format minn triq principali li fiha l-utent ghandu r-right of way fuq kull traffiku iehor, u minn triq sekondarja li fiha l-utent hu obbligat li jaghti d-dritta lil min ikun qed isuq fit-triq principali. F'dan il-kuntest, allura, jassumi importanza determinati l-istop sign li jkun hemm fit-triq sekondarja. Dan mhux biss huwa indikattiv illi l-utent ta' dik it-triq ser jirfes fuq triq principali, izda ukoll ghaliex dak is-sinjal tat-traffiku jimponi obbligu fuq l-utent ta' dik it-triq li jieqaf sabiex jesplora it-trafiku fit-triq principali u ma jazzardax jirfes dik it-triq qabel ma jaccerta ruhu li ippermetta it-traffiku li ikun hemm f'dik it-triq li jghaddi jew inkella li ikun jista' jirfes it-triq principali minghajr ma jfixkel jew itellef b'xi mod l-utenti ta' dik it-triq.*

Dwar id-dinamika tal-incident jirrizulta li l-imputat kellu *delivery* fi Triq ic-Cimiterju, Haz-Zabbar u kien fadallu *delivery* ohra Bormla u ghalhekk ried jikser lejn ix-xellug tieghu biex mit-triq sekondarja jmur ghat-triq principali li hija Triq Wied il-Ghajn. Il-parte leza kien qieghed isuq fit-triq principali. Mhux kontestat li l-punt li minnu ried johrog l-imputat hemm stop sign (hekk anki kif jirrizulta mill-iskizz) li huwa pjuttost *blind spot.* Infatti l-parte leza ddeskrivit li lis-*stop sign* qieghed mohbi wara kantuniera. Irrizulta li billi l-imputat ma kellux vizwali tajba minn fuq lis-*stop sign* huwa hareg ftit u baqa' hiereg u b'hekk il-parte leza baqa' diehel go fih mal-genb.

Mill-iskizz ezebit huwa evidenti li l-imputat mhux sempliciment hareg naqra biex jesplora dik it-triq biex jivverifika jekk kienux gejjin karozzi izda kien hareg prattikament kollu u kien qiesu se jaqsam ghall-karregjata l-ohra li twassal ghad-direzzjoni ta' Wied il-Ghajn. Huwa wkoll evidenti li John Quintano li kellu vizwali tajba tat-triq sab il-vettura ta' l-imputat ma' wiccu li hasditu tant li lanqas kellu cans jaghfas

il-brejk. Tant huwa hekk li ma gew osservati l-ebda sinjali ta' brejkijiet la min-naha tal-parte leza u lanqas min-naha ta' l-imputat. Dan ikompli jikkonferma li l-imputat kien avventat meta qabad u hareg u ma kienx qieghed izomm *a proper look out.*

Huwa evidenti li l-imputat ma kienx prudenti fis-sewqan tieghu meta huwa iddecieda johrog minn fuq *stop sign.* Huwa minnu li fuq il-post inkwistjoni hemm *blind spot* izda dan kien jobbliga lill-imputat prudenza akbar ladarba huwa kien hiereg minn triq sekondarja.

Illi d-difiza targumenta illi l-kawza próssima ta' dana s-sinistru stradali kien l-ispeed eccessiv li kien qed isuq bih l-parti leza u dan anki in vista tal-hsarat li gew ikkawzati fil-vettura ta' l-istess parte leza li kienet maghmula mill-hadid. Illi l-parti leza jikkontendi illi huwa kien qieghed isuq bil-velocita ta' sittin kilometru fis-siegha u ghalhekk ma kienx qed jeccedi il-velocita regolamentari ghal dik it-triq. Illi kif diga' gie rilevat ma nsatbux sinjali ta' brejkijiet fuq il-post. Illi l-Qorti hija tal-fehma madanakollu illi ghal dana is-sinistru stradali jahti biss l-imputat billi li kieku huwa stenna l-vettura tal-parti leza tghaddi qabel ma hareg ghal fuq it-triq principali dana s-sinsitru stradali kien jigi evitat.

Illi ghalhekk gie ippruvat fil-grad rikjest mil-ligi li s-sewqan ta' l-imputat kien wiehed traskurat u negligenti billi naqas milli juza dik il-prudenza ordinarja li ghandu juza kwalunkwe sewwieq. Ghaldaqstant it-tielet u r-raba' imputazzjonijiet gew ippruvati.

Illi l-imputat huwa wkoll addebitat bir-reat li kkaguna l-offiza nvolontarja ta' natura gravi per durata lil John Quintano. Referenza ssir hawnhekk ghar-rapport mediku li thejja mill-espert nominat mill-Qorti Mr Thomas Azzopardi li ezamina lill-istess Quintano li kkonkluda s-segwenti: *"Taking into account the nature of the injuries, I should concluye*

*that Mr Quintano has a high probability (>80%) of suffering chronic symptoms due to the whiplash injury as he has remained symptomatic more than 3 months alter the injury, in my opinión Mr Quintano has sustained a permanente disability".* Id-difiza tirreferi ghall-incident li l-parte leza sofra fl-1982. Madankollu l-espert mediku kien informat b'dan l-incident u bil-griehi li kien sofra l-parte leza u wara li ezamina lill-istess wasal ghall-konkluzjoni li l-istorja ta' kif sehhew il-fatti fl-incident hija konsistenti mal-griehi sofferti ossija *"a Grade 2 whiplash injury to the neck, as per the Quebec Taskforce and a Leith knee contusion".*

Illi dwar il-hsara involontarja l-imputat jinsab akkuzat li kkawza hsara ta' aktar minn 1,164.69 Euro, ghad-detriment ta' John Quintano. Illi ma hemmx dubbju illi sehhet hsara fil-vettura tal-parti leza. Mix-xhieda tal-parti leza jirrizulta li l-vettura tieghu kienet *beyond economical repair*. Infatti l-kumpanija assikurattiva ghamlet offerta lill-parte leza li thallsu s-somma ta' €1,600 u huwa jzomm il-vettura li huwa fil-fatt accetta hekk kif ikkonfermabil-gurament tieghu. Mill-istima ezebita infatti jirrizulta li l-hsara kkawzata fuq il-vettura kienet tammonta ghal somma ferm akbar minn dik offruta u mhallsa lill-parte leza. Kwindi dina l-akkuza wkoll tirrizulta ippruvata.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qieghed jinstab hati l-imputat, ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u l-fedina penali tieghu li hija netta.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikolu 226(1)(a), 218, 328(b) u 17 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikolu 15(1)(a)(3) tal-Kapitolu 65 u r-regolament 2 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.05 issib lill-imputat hati ta' l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal hlas ta' multa ta' €1000.

Inoltre tordna l-iskwalifika ta' kull licenzja tas-sewqan ta' l-imputat ghal tmint ijiem. Is-sospensjoni mis-sewqan tibda ghaddejja minn nofs il-lejl u minuta ta' llum.

**< Final Judgement >**

---------------------------------END---------------------------------